MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1086/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**HAMZA KADDOURI**
**- OMISSIS -**
**- OMISSIS -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Hamza Kaddouri ta’ 24 sena, bin Adori u Rashida nee’ Yunosi, imwieled il-Marokk, fl-24 ta’ Ottubru, 1989 ma ghandux indirizz fiss u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Marokkina bin-numru ER 818743.

- omissis -

- omissis -

Hamza Kaddouri gie akkuzat talli fit-30 ta' Ottubru 2013 ghal-habta ta' 20:30 hrs gewwa Triq l-Iljun, Hal Qormi u cioe' minn gewwa l-Arriva Park and Ride u f'dawn il-Gzejjer, minn gewwa vettura ikkommetta serq ta' flus kontanti u mobile phone, liema serq huwa aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Kevin Lungaro Mifsud u/jew persuni ohra.

Akkuzat ukoll talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi gewwa Hal-Qormi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied.

U talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi kien fis-sakra, f'post espost ghall-pubbliku u ma kienx f'kundizzjoni li jiehu hsieb lilu nnifsu.

- omissis - u - omissis - gew akkuzati talli:
- omissis -

- omissis - wahdu gie akkuzat talli:
- omissis -

- omissis - wahdu gie akkuzat talli:
- omissis -

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab esebit a fol. 21 tal-Process u nnutat li l-imputat Hamza Kaddouri m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Hamza Kaddouri iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Hamza Kaddouri bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Hamza Kaddouri wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Hamza Kaddouri li tirrigwarda ricettazzjoni inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-istess imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Hamza Kaddouri.

Rat l-artikoli 17, 261(f) u (g), 270, 271(g), 281(b), 338(dd) u 338 (ff) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Issib lill-imputat Hamza Kaddouri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputat Hamza Kaddouri, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Hamza Kaddouri ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ erba’ (4) snin millum l-imputat Hamza Kaddouri jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Inkwantu ghat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Hamza Kaddouri, liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Hamza Kaddouri, kif

riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Hamza Kaddouri.
Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Hamza Kaddouri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------